**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 10/2020

**Il-Ħamis 27 ta' Awwissu, 2020**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-2:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

10.1.1. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li kulħadd kien preżenti.

10.1.2. Il-Kunsillier Raymond Lanzon irrimarka li huwa kien preżenti għall-laqgħa fuq protesta minħabba li huwa persuna vulnerabbli u huwa tal-opinjoni li l-laqgħat għandhom isiru permezz ta' mezzi online kif saru fix-xhur li għaddew.

10.1.3. Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-Kunsill qed jimxi mal-liġi u rrakkomanda li l-Kunsill għandu jwassal dan l-ilment lid-Diviżjoni għall-Gvern lokali.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 09/K8/2020.

10.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K8/2020 kif ippreżentati.

10.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/3018/20/I** Talba mingħand persuna għal rimburżar ta' ħsarat f'tyre ta' vettura minħabba ħofra fit-triq li minn Triq il-Mediterran tagħti għall-parkeġġ ta' wara l-ground ta' Pembroke Athleta.

**46/3241/20/I** Talba mingħand persuna għal rimburżar ta' ħsarat f'tyre ta' vettura minħabba ħofra fit-triq li minn Triq il-Mediterran tagħti għall-parkeġġ ta' wara l-ground ta' Pembroke Athleta.

10.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3018/20/I u 46/3241/20/I** fejn ippropona li minħabba nuqqas t'informazzjoni kif ukoll informazzjoni konfliġġenti f'wieħed mill-każijiet, il-Kunsill m'għandux jaċċetta dawn iż-żewġ talbiet.

10.3.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

10.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3262/20/I** Email mingħand is-sid ta' 23, Triq Manwel Buhagiar, Pembroke jitlob il-permess tal-Kunsill biex ibaxxi l-livell tal-bankina quddiem il-garaxx tiegħu.

10.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3262/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni suġġett li din issir skond l-ispeċifikazzjonijiet sottomessa fil-pjanti li bagħat lill-Kunsill.

10.3.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3334/20/I** Rapport ta' Risk Assessment tal-Ġnien 4 ta' Lulju

**46/3347/20/I** Rapport ta' Risk Assessment ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

10.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3334/20/I u 46/3347/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jara x'nuqqasijiet hemm fl-apparat, tabelli u bins, u jawtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg biex jipproċedi bil-ġbir ta' kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol li hemm bżonn.

10.3.8 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3379/20/I** Email mingħand l-Animal Welfare and Promotion Services Directorate dwar il-proġett l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar LC CARE.

**46/3435/20/I** Risposta mingħand il-Kunsillier Désirée Vella Brincat dwar il-proġett l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar LC CARE.

**46/3452/20/O** Email li l-Kunsill bgħat lill-Animal Welfare and Promotion Services Directorate dwar il-proġett l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar LC CARE.

10.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3379/20/I, 46/3435/20/I u 46/3435/20/O** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li jirrinunzja għall-finanzjament ta' €200.00 għall-provvista tal-ikel fl-ewwel applikazzjoni, u dan sabiex ikun jista' jibbenefika mill-fondi allokati fit-tieni proġett kif ukoll li jintalab il-permess tad-Direttorat konċernat biex minflok dar tal-injam għall-qtates, l-istess fondi jintużaw biex jinxtraw numru ta' shelters żgħar u jitqassmu f'diversi żoni fejn hemm il-kolonji ta' qtates abbandunata.

10.3.11 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

10.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3436/20/I** Email mingħand kumpanija taż-żfin Salsa jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jagħmlu użu minn parti mis-sit tal-Park & Ride biex ikunu jistgħu jagħmlu l-lezzjonijiet fuq barra.

10.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3436/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jħossx li l-post huwa addattat minħabba li s-sit huwa parkeġġ u għalhekk huwa perikoluż kif ukoll minħabba inkonvenjent li jista' joħloq lir-residenti tal-madwar.

10.3.14 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3463/20/I** Direttiva 04/2020 mid-DGL dwar l-Użu tal-Internet Banking.

**46/3464/20/I** Direttiva 05/2020 mid-DGL dwar Depożitu ta' Flus fil-Banek.

10.3.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3463/20/I u 46/3464/20/I** fejn informa lill-Kunsill, li preżentament il-Kunsill diġa beda jimplimenta dawn id-direttivi. Il-kelliem ippropona wkoll li fid-dawl li d-DGL

qed jinsisti li jkun hemm żewġ firem fuq il-kontijiet tal-banek tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jara li jimxi ma' dawn il-linji u għalhekk titneħħa t-tielet firma.

10.3.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3497/20/I** Email mingħand GreenPak COOP dwar kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Pembroke rigward ġonna ħodor.

10.3.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3497/20/I** fejn talab il-kummenti tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

10.3.20 Wara diskussjoni li saret is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill huwa lest li jidħol fi proġett ambjentali ma' GreenPak u li l-installazzjonijiet jiġu nstallata fi Ġnien Madre Tesesa ta' Kalkutta, kif ukoll fuq inizjattivi oħra ambjentali.

10.3.21 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

10.3.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.23 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li waqt laqgħa konġunta li saret mal-Kunsill Lokali Swieqi u mas-Surġenti li qed imexxu l-Community Policing Team, il-Kunsill ġie mitlub dwar jekk huwiex possibbli li l-Pulizija jiġu provduta b'vettura. Il-kelliem irrimarka lill-Kunsill li jekk ikun hemm qbil fil-prinċipju, il-Kunsill għandu jara jekk jistax ikun hemm xi possibilità ta' sponsor minn xi entita' jew entitajiet kummerċjali li hawn fil-lokal ta' Pembroke u Swieqi. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li jekk kemm il-darba l-Kunsilli ser ikollhom iħallsu għal dan is-servizz, tali spiża ġie diskuss li possibbilment tinqasam proporzjonalment bejn iż-żewġ Kunsilli. Il-kelliem informa ukoll lill-Kunsill li hemm ix-xewqa li l-Kunsill jibda joffri ukoll is-servizz ta' towing ta' vetturi u oġġetti oħra li jkunu abbandunata kif ukoll li ser tibda ssir ronda ukoll dwar il-ħruġ ta'skart goff li ma jkunx ġie ordnat mal-Kunsill.

10.3.24 Fid-dawl ta' dan, Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill ikompli bid-diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali Swieqi dwar il-possibilità li jinstab sponsor għall-provvista ta' karozza biex tintuża mill-Pembroke/Swieqi Community Policing Team kif ukoll biex il-Kunsill jibda jaħdem biex jinstab kuntrattur li jkun lest li joffru s-servizz ta' towing ta' vetturi u oġġetti oħra li jkunu abbandunata. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Pembroke Community Policing Team jingħataw aċċess għall-kamra li hemm fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

10.3.25 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.26 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

10.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 10.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

10.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 27/2020 -** Kwotazzjonijiet għal shredding ta' dokumenti **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 28/2020 -** Kwotazzjonijiet għal bridge bar sound system **(Dok 2)**
- **Internal Memo 29/2020** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 09/K8/20 u 10/K8/20 **(Dok. 3)**

10.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 28/2020** dwar bridge bar sound system, fejn ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

10.5.3 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

10.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 29/2020** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

10.5.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

10.6.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 4, 5, 6, 7 u 8)**

10.6.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

10.6.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.7 Mozzjonijiet.

10.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 10.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.8.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona biex il-laqgħa li jmiss issir fl-4:00pm.

10.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.8.4 Il-laqgħa ntemmet fl-15:00pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 24 ta' Settembru 2020 fl-4:00pm.

**Konfermati, illum 24 ta' Settembru, 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 27/2020** **19 ta' Awwissu 2020**

# Kwotazzjonijiet għal-shredding ta' dokumenti

B'referenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill meħuda f'Minuti 09/K8/2020 item 09.3.40, ġew ikkuntattjata diversi kumpaniji u li minnhom il-Kunsill rċieva tlett kwotazzjonijiet.

| Kwotazzjonijiet għal-shredding ta' dokumenti | |
|---|---|
| **Kumpanija** | **€** |
| **U-Store** (46/2996/20/)<br>Hardrocks Industrial Park,<br>Burmarrad Road,<br>Naxxar, NXR 6345. | Min. €120.00 esklużil-Vat taħt il-500 kg<br>€0.20 kul kilo eskluż il-Vat |
| **Maltapost p.l.c.** (46/3002/20/)<br>305<br>Triq Ħal Qormi<br>Marsa, MTP 1001. | Min. €120.00 eskluż il-Vat taħt it-300 kg<br>€0.40 kul kilo eskluż il-Vat |
| **PT Matic Environmental Services Ltd.**<br>Alberta Head Office,<br>San Ġwakkin Road,<br>Mrieħel, BKR 3000.<br>(46/3239/20/) | Min. €150.00 inkluż il-Vat<br>€0.25 kul kilo inkluż il-Vat |

L-irħas offerta hija ta' U-Store.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 28/2020** **19 ta' Awwissu 2020**

# Kwotazzjonijiet għal-bridge bar sound system

Inħass il-bżonn li tiġi installata sistema ta' microphone u speakers fir-reception biex ikun hemm kommunikazzjoni aħjar bejn il-klijenti u l-istaff tal-Kunsill.

| Kwotazzjonijiet għal-bridge bar sound system | |
|---|---|
| **Kumpanija** | **€** |
| **Genaudio Limited** (46/3354/20/I)<br>22A<br>Triq l-Iskola Teknika, Zone 2<br>Central Business District<br>Birkirkara, CBD 2080. | €757.56<br>inkluż l-installazzjoni |
| **Sound Induction Systems Ltd** (46/3394/20/I)<br>Unit 27 Mochdre Industrial Estate<br>Newtown, Powys, SY16 4LE. | €917.74<br>eskluż posta u l-installazzjoni |
| **VL – Events, Gourmand** (46/3395/20/I)<br>Peel Green Trading Estate<br>Green Street, M30 7HF. | €831.51<br>eskluż posta u l-installazzjoni |

L-irħas offerta hija ta' Genaudio Limited.

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 29/2020** **27 ta' Awwissu 2020**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 09/K8/20 u 10/K8/20

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 96 | 2020 | Ells' Urban Services | Xogħol ta' patching fi toroq imsemmija:<br>• Fit-triq li tagħti għall-klabb ta' Pembroke Athleta<br>• Fit-triq tal-bajja<br>• Fit-triq li tagħti għar-Reverse Osmosis<br>• Triq Salvatore Castaldi |
| 100 | 2020 | Mica Med | Lampa W059 li tinsab ma' faċċata ta' dar numru 36 fi Triq Il-Kurunell Lorenzo Manche. |
| 101 | 2020 | Mica Med | Lampa mal-faċċata bejn dar numru 9 u 11 fi Triq Manwel Buħaġiar. |
| 102 | 2020 | I.V. Portelli & Sons. Limited | Hager Relay 24 Volts għall-prezz ta' €23.60 għall-funtana |
| 103 | 2020 | Mica Med | Lampa li tinsab fuq arblu hdejn Dar 30 fi Trejqet Antonio Mallia. |
| 104 | 2020 | Mica Med | Lampa maqtugħa numru W109 Triq Patri Serafin Zarb |
| 105 | 2020 | Mica Med | Lampa tixgħel u titfi mal-faċċata ta' Dar 46 fi Triq Patri Indri Vella |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg